# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**disgha u għoxrin (29) ta' Settembru 2020**

**Rikors Numru 313/20 FDP**

Fl-ismijiet

**Supreme Travel Limited**
**(C 16048)**

**Vs**

**Michael Hearne**
**(ID 45249A)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta' Mejju 2020, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet s-segwenti:

   *Illi l-kumpannija rikorrenti tiġġestixxi negozju ta' trasport bl-art u kif ukoll bil-baħar, liema attivitajiet jinkludu sightseeing tours bl-"open top buses", ġiti turistiċi bil-"coaches" u kif ukoll servizzi ta' ġiti turistiċi fil-baħar bil-laneċ tal-kumpannija rikorrenti;*

   *Illi dawn is-servizzi jingħataw bi ħlas magħmul mill-klijent u kontra liema ħlas l-kumpannija rikorrenti toħroġ biljett lill-klijent li permezz tiegħu l-klijent ikun jista' juża s-servizz minnu mixtri;*

   *Illi għandu jingħad illi l-prezz ta' dawn il-biljetti, fil-maġġor parti tagħhom, jitħallas in kontanti (cash) mill-klijent iżjed u iżjed stante li l-prezz ta' biljett ikun wieħed minuri;*

   *Illi l-bejgġ ta' dawn il-biljetti da parti tal-kumpannija rikorrenti jsir b'diversi modi, u ċioe' direttament tramite l-impjegati tagħha u kif ukoll indirettament permezz ta' intermedjarji;*

*Illi Michael Hearne, l-intimat f'dawn il-proċeduri, kien wieħed mill-intermedjarji li l-kumpannija rikorrenti kienet tuża s-servizzi tiegħu biex isir il-bejgħ tal-biljetti f'isem il-kumpannija rikorrenti għas-servizzi minnha provduti;*

*Illi l-kumpannija rikorrenti tissottometti illi t-transazzjonijiet ma' Michael Hearne in konnessjoni mal-bejgħ ta' biljetti kien isir billi l-kumpannija rikorrenti kienet tgħaddi lil Michael Hearne numru ta' pakketti ta' biljetti li kull wieħed minnhom, ossija kull biljett, ikollu numru (serial number) partikolari;*

*Illi min-naħa tiegħu Michael Hearne u / jew l-impjegati tiegħu kienu ibiegħu lill-pubbliku, f'isem il-kumpannija rikorrenti, l-biljetti għas-servizzi provduti mill-kumpannija rikorrenti u kif ukoll kienu jiġbru l-ħlas in kontanti mingħand il-klijenti bħala prezz tal-biljetti mibjugħa;*

*Illi kull tant żmien, it-tul ta' liema jiddependi l-istaġun li jkunu fih, Michael Hearne kien jattendi fl-uffiċini tal-kumpannija rikorrenti sabiex issir rikonċiljazzjoni (reconciliation) bejn il-biljetti mogħtija lilu mill-kumpannija rikorrenti u l-biljetti mibjugħa minn Michael Hearne u jiġi stabbilit l-ammont li kien ikun ġie miġbur minn Michael Hearne f'isem il-kumpannija rikorrenti bħala prezz tal-bejgħ tal-imsemmija biljetti u konsegwentement bħala dovut lill-kumpannija rikorrenti minn Michael Hearne;*

*Illi minn l-ammont stabbilit skond il-paragrafu preċedenti kien jitnaqqas l-ammont ta' "commission" dovuta li Michael Hearne bħala kumpens għas-servizzi reżi in konnessjoni mal-bejgħ tal-biljetti u l-bilanċ jiġi mgħoddi minn Michael Hearne lill-kumpannija rikorrenti;*

*Illi kif espost aktar 'il-fuq, il-prezz ta' dawn il-biljetti jiġi mħallas fil-maġġor parti tiegħu in kontanti mill-klijenti speċjalment in vista tal-prezz minimu tal-istess, bil-konsegwenza illi l-ammonti miġbura minn Michael Hearne f'isem il-kumpannija rikorrenti kienu jkunu in kontanti u għalhekk l-ammonti li kellhom jiġu mgħoddija minn Michael Hearne lill-kumpannija rikorrenti wkoll kienu jkunu in kontanti;*

*Illi l-kumpannija rikorrenti għandha tirċievi mingħand Michael Hearne ammont sostanzjali ta' flus rappreżentanti l-prezz ta' biljetti mibjugħa minn Michael Hearne f'isem il-kumpannija rikorrenti;*

*Illi l-ammont li Michael Hearne għandu jgħaddi lill-kumpannija rikorrenti sad-data ta' llum jammonta għal €56,208 (sitta u ħamsin elf, mitejn u tmien Ewro) u dana kif aħjar spjegat fid-dokument anness u mmarkat Dok. S1, liema ammont jirrappreżenta l-prezz ta' bejgħ ta' biljetti miġbura minn Michael Hearne f'isem il-kumpannija rikorrenti wara li tnaqqset il-"commission" dovuta lil Michael Hearne kif fuq spjegat;*

*Illi, l-intimat Michael Hearne nonostante li ġie interpellat diversi drabi sabiex tħallas dan id-debitu baqgħet inadempjenti;*

*Illi dana d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti l-intimat Michael Hearne ma għandu ebda eċċezzjoni xi jressaq għall-ħlas ta' dan id-debitu;*

*Għaldaqstant jgħid l-intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

*1. tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. tikkundanna lill-intimat iħallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €56,208 (sitta u ħamsin elf, mitejn u tmien Ewro) u dana kif aħjar spjegat fid-dokument anness u mmarkat Dok. S1, liema ammont jirrappreżenta l-prezz ta' bejgħ ta' biljetti miġbura minn Michael Hearne f'isem il-kumpannija rikorrenti wara li tnaqqset il-"commission" dovuta lil Michael Hearne kif fuq spjegat, bl-imgħaxijiet ulterjuri skond l-għola rata permessibbli mill-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inklużi tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju preżentati kontestwalment, kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi, fl-24 ta' Settembru 2020, l-intimat ippreżenta nota fir-Reġistru tal-Qorti fejn stqarr illi "*ma għandu ebda oġġezzjoni għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti Supreme Travel Limited. Għal kull buon fini l-esponenti jirrileva illi l-flejjes dovuti lis-soċjeta' rikorrenti ġew elevati minn terzi u dan kif anke hi konsapevoli l-stess soċjeta' rikorrenti*."

3. Rat illi fil-25 ta' Settembru 2020, meta ssejjħet il-kawza, deher l-intimat Michael Hearne illi reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu, wara illi l-Qorti, bil-lingwa Ingliża, spjegatlu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.

4. In vista ta' tali ammissjoni, il-Qorti tgħaddi u tiddeciedi dina l-vertenza u dana billi:

**Tikkundanna** lill-intimat Michael Hearne iħallas lill-kumpannija rikorrenti Supreme Travel Limited is-somma ta' €56,208 (sitta u ħamsin elf, mitejn u tmien Ewro) u dana kif fuq aħjar spjegat, bl-imgħaxijiet ulterjuri skond l-għola rata permessibbli mill-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv;

**Bl-ispejjeż**, inklużi tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju preżentat kontestwalment, kontra l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**